MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2010

Numru. 1067/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**

**vs**

**Michele k/a Michael Fenech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Michele maghruf bhala Michael Fenech ta' 45 sena, bin Angelo u Maria nee' Seychell, imwieled iz-Zejtun fl-10 ta' Marzu, 1959 u residenti 'il-Bejta' Nru. 26, Triq il-Luqqata, Attard u detentur tal-karta tal-identita' numru 211759(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-18 ta' Jannar, 2005 ghall-habta tal-05.30 P.M. gewwa H'Attard f' Birkirkara u f'inhawi ohra f' dawn il-Gzejjer;

1. Iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b' mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

2. Holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra u cioe' kontra Carmelo Azzopardi, bil-hsieb li b' hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

3. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, (vettura GAC 198) ghad-dannu ta' Carmelo Azzopardi, liema hsara ma tkunx tiskorri il-hames mitt lira Maltin, imma izjed minn hamsin lira Maltin.

4. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta' Carmelo Azzopardi u Patricia Azzopardi wegghahom bi kliem b' gesti jew b' mod iehor'

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Carmelo Azzopardi, Patricia Azzopardi u membri ohra tal-familja taghhom billi tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta' Novembru 2005 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2005 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz

tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-18 ta’ Jannar 2005 ghall-habta tal-5.30pm inqala’ ncident bejn zewg girien f’H’Attard, Patricia Azzopardi u zewgha Carmel Azzopardi min-naha l-wahda u l-imputat Michael Fenech min-naha l-ohra. Patricia Azzopardi li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta’ Frar 2007 (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 48 sa 52 tal-atti processwali) ssostni li fil-gurnata in dizamina hija kienet qed thares mit-tieqa tad-dar taghha li taghti ghal fuq it-triq ghaliex semghat hoss ta’ vettura u hasbet li zewgha kien irritorna lura d-dar mix-xoghol u hija kellha tnehhilu l-vettura taghha li kienet parkeggjata quddiem id-dar izda mal-bankina ta’ faccata sabiex huwa jkun jista jipparkeggja minflokha u hija mbaghad iddahhal il-vettura taghha fil-garaxx, meta innutat lill-imputat jaqsam it-triq ghal hdejn il-vettura taghha u jaghmel muviment b’idejh mal-gemb tan-naha tal-lemin tal-vettura taghha minn wara ghal quddiem. Meta harget tivverifika sabet li l-vettura taghha kellha girfa mal-gemb kollu tal-lemin u hija ghalhekk marret tikkonfronta lill-imputat li sadanittant kien dahal fil-vettura tieghu u kien qed jirriversja hdejn id-drive in taghha u staqsietu ghalfejn kien girfilha l-vettura u huwa rrisponda li ma kienx hu li girifilha l-vettura u mbaghad hareg mill-vettura tieghu u beda’ jghajjat. Patricia Azzopardi tghid li hija resqet lura ghaliex bdiet tibza. Mill-provi rizulta li waqt li Patricia Azzopardi kienet qed tikkonfronta lill-imputat wasal fuq il-post zewgha Carmel Azzopardi u waqt li hija kienet qed tispjegalu x’kien gara l-imputat beda’ javvicinah u jghidlu li anki huwa kellu girfa fil-vettura tieghu u beda jigbdu u jistiednu jara l-girfa fil-vettura tieghu. Carmel Azzopardi li huwa fil-korp tal-Pulizija u li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-6 ta Dicembru 2005 spjega li huwa ma kienx interessat fil-girfa li kellu l-imputat fil-vettura tieghu u wara li qal lil martu sabiex tidhol gewwa dahal fil-vettura tieghu u mar jaghmel rapport lil Pulizija. Huwa jghid li meta rritorna lura d-dar wara ftit tal-hin cempillu l-Ispettur Kevin Farrugia li

qallu li l-imputat kien ghamel rapport fejn kien qed jallega li huwa kien tah daqqa ta' ponn f'wiccu u l-Ispettur ghalhekk talbu sabiex imur l-Ghassa sabiex isiru nvestigazzjonijiet ulterjuri. Mill-provi rrizulta li s-Surgent li ha r-rapport maghmul mill-imputat, u cioe' PS 321 Alan La Grasta, li xehed fl-udjenza tal-24 ta' Marzu 2006, jirrizulta li huwa beda jissuspetta li r-rapport maghmul mill-imputat ma kienx veritjier u dan ghaliex ghalkemm l-imputat beda' jallega li qala' daqqa ta' ponn f'wiccu minghand Carmel Azzopardi, huwa ma kellu ebda sinjal ta' daqqiet f'wiccu. L-imputat ghalhekk gie akkompanjat minn PS 321 il-Policlinic sabiex jigi ezaminat minn tabib (certifikat mediku relattiv inserit a fol. 22) mill-liema certifikat jirrizulta li l-imputat ma kellu ebda sinjali esterjuri ta' griehi f'wiccu izda peress li huwa beda' jallega li kienet giet spustjatha sinna gew ezaminati anki snienu u t-tabib li ezaminah qal li *"the second premolar on upper jaw had been split longitudinally with the medial fragment missing*". It-tabib izda innota wkoll li snien l-imputat kienu "in an advanced state of decay with numerous fillings noted" u qal li *"it is not possible to ascertain with precision the instance of the damaged 2nd premolar".* Carmel Azzopardi wkoll gie ezaminat minn tabib (certifikat relattiv inserit a fol. 21) fejn gie certifikat li ma kellu ebda griehi, l-anqas f'idejh. L-ufficjal investigattiv u prosekutur f'dan il-kaz spjega li huwa nvestiga lill-imputat li ghamel rapport falz fil-konfronti ta' Azzopardi mhux biss ghaliex l-istess imputat ma kellu ebda sinjali ta' griehi esterjuri izda anki ghaliex huwa rrifjuta li jmur ghand tabib sabiex jigi ezaminat u meta gie mistoqsi sabiex juri n-nuccali li allega lli kien tghawweg bid-daqqa huwa mar igib dan in-nuccali mill-vettura tieghu u meta gie rilevat lilu li dan in-nuccali ma kienx jidher mghawweg huwa rrisponda li kien drittah hu.

L-imputat irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 15 sa 19 tal-process fejn huwa cahad li kien barax il-vettura ta' Patricia Azzopardi u fejn qal li meta wasal Carmel Azzopardi fuq il-post dan beda' jghajru u jinsulentah u mbaghad tah daqqa ta' ponn f'wiccu fejn giet spustjatha sinna. Meta gie mistoqsi kif seta' jkun li qala' daqqa ta' ponn f'wiccu meta ma kellu ebda sinjali esterjuri ta' griehi f'wiccu jew xoftu huwa qal li bid-daqqa giet spustjatha sinna u tghawwiglu

n-nuccali. L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 71 sa 84 tal-process) fejn wara li kkonferma l-kontenut tal-istqarrija minnu rilaxxjata esebixxa n-nuccali li allegatament tghawweg minn Azzopardi kif ukoll ricevuta rilaxxjata minn dentist. Huwa qal ukoll li meta kien mar l-Ghassa jaghmel ir-rapport kien qieghed fil-bitha tal-Ghassa u sema’ lil Azzopardi jitkellem mas-surgent li ha r-rapport fejn qallu li ma felahx ma jaghtihx daqqa lill-imputat. Huwa jghid ukoll li wara li qala’ d-daqqa minghand Azzopardi ghaddiet mara, certu Maria Denise Ellul Sullivan li gabritlu n-nuccali u ghenitu jimxi sad-drive in tad-dar tieghu. Meta in kontro-ezami gie mistoqsi kif jispjega li n-nuccali li kien qed jesibixxi kien mghawweg meta a tempo vergine meta dan gie muri lill-Ispettur Farrugia l-istess nuccali ma kellu xejn, l-imputat irrisponda li n-nuccali kien tghawweg meta waqa mal-art.

Il-mara msemmija mill-imputat, Maria Denise Ellul Sullivan, xehdet f’zewg okkazjonijiet f’dawn il-proceduri, l-ewwel darba waqt l-udjenza tal-15 ta’ Gunju 2007 fejn qalet biss li kienet rat mara titkellem mal-imputat b’ton inkwetat u semghat lil dan tal-ahhar jirrispondi li ma kienx hu, u t-tieni darba waqt l-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2008 fejn qalet li hija ma kienitx ghenet lill-imputat jimxi sa hdejn id-drive in tieghu u l-anqas ma ratu jigbor nuccali minn mal-art jew ratu b’xi sinna miksura.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri pemezz tal-ewwel u t-tieni akkuza l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati ta’ holqien ta’ reat u holqien qarrieqi ta’ provi foloz kontemplati fl-Artikolu 110 (1) u (2) tal-Kodici Kriminali filwaqt li permezz tat-tielet akkuza qed jigi addebitat bir-reat ta’ hsara volontarja kontemplat fl-Artikolu 325 u permezz tar-raba’ akkuza qed jigi akkuzat bir-reat ta’ ingurja fl-konfronti ta’ Patricia u Carmel Azzopardi.

Din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz hija tal-fehma li l-ewwel u t-tielet akkuza jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest

mill-ligi. In kwantu jirrigwarda it-tieni akkuza l-Qorti jidrilha li l-fatti tal-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat kontemplat fl-Artikolu 110(2) u mhux fil-110(1) u fi kwalunkwe kaz jidher li t-tieni akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza. Din il-Qorti wara li semghat kemm lil konjugi Azzopardi jixhdu kif ukoll lill-imputat m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilta' tal-konjugi Azopardi u jidrillha li mix-xhieda taghhom mhux biss jirrizulta li l-imputat volontarjament giref u barax il-vettura propjeta' tal-konjugi Azzopardi izda jirrizulta wkoll li huwa mbaghad mar jaghmel rapport l-Ghassa ta' B'Kara li Azzopardi kien tah daqqa ta' ponn f'wiccu meta dan ma kienx minnu. Il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-fatti denunzjati lil Pulizija mill-imputat kienu foloz mhux biss ghaliex emmnet lil Carmel Azzopardi meta dan qal li huwa ma kienx miss lill-imputat izda anki ghaliex mic-certifikat mediku rilaxxjat lill-imputat jirrizulta li huwa ma kellu ebda sinjali esterjuri ta' daqqiet f'wiccu jew almenu f'xoftu fejn huwa suppost qala' daqqa ta' ponn minghand ragel ta' statura kbira u b'sahtu li bl-istess daqqa suppost anki ghawwiglu n-nuccali. Inoltre x-xhud Maria Denise Ellul Sullivan, li hija xhud ghal kollox indipendenti u li l-imputat jghid li ratu bis-sinna miksura u bin-nuccali mal-art u ghenitu jimxi sad-drive in tad-dar tieghu, cahdet dak kollu li qal l-imputat. Inoltre r-riluttanza tal-imputat sabiex jigi ezaminat minn tabib meta kien qed jallega li qala' daqqa ta' ponn, il-fatt lli huwa mar l-Ghassa jirraporta li Azzopardi tah daqqa ta' ponn u ghawwiglu n-nuccali izda nonostante cio' ghazel li jidritta n-nuccali qabel ma mar l-Ghassa jaghmel ir-rapport sabiex imbaghad esebixxa nuccali mghawweg f'dawn il-proceduri, lkoll huma prova ulterjuri li r-rapport maghmul mill-imputat ma kien xejn ghajr tentattiv sabiex jisvija lil Pulizija mill-investigazzjonijiet taghhom dwar ir-rapport li kien sar mill-konjugi Azzopardi dwar il-girfa li l-istess imputat kien ghamel fil-vettura propjeta' taghhom.

Il-Qorti jidrilha li t-tielet akkuza tirrizulta ampjament pruvata kemm mix-xhieda ta' Patricia Azzopardi li rat lill-imputat jaqsam ghal hdejn il-vettura taghha u jaghmel moviment b'idejh man-naha tal-lemin tal-istess vettura u mbaghad jerga' jaqsam lura ghal hdejn il-vettura tieghu. F'dawn il-proceduri giet esebita stima rigwardanti l-hsara

kagunata fl-istess vettura liema hsara tammonta ghal Lm202.46 (dokument relattiv inserit a fol. 20 tal-process).

Il-Qorti jidrilha li r-raba' akkuza ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li la mix-xhieda ta' Patricia Azzopardi u l-anqas minn dak li xehed Carmel Azzopardi ma jirrizulta li l-imputat qal xi kliem ingurjuz fil-konfronti taghhom u ghal dawn il-motivi l-imputat ser jigi dikjarat mhux hati ta' din l-akkuza.

In kwantu jirrigwarda l-piena l-Qorti jidrilha li piena karcerarja sospiza b'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 110(2) u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlett (3) snin millum. Stante li t-tieni akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlett (3) xhur millum ihallas lil konjugi Carmel u Patricia Azzopardi l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm202.46).

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b'obligazzjoni personali taht penali ta' sitt mitt ewro (€600) ghal zmien tnax (12) il-xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Carmel u Patricia Azzopardi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------